MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 497/2011

**Appell Nru. 497/2011**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Trevor Micallef)**
**Vs**
**Amadeo Busuttil**
**Ommissis**

**Illum 28 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 327584(M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fl-04 ta' Lulju 2008 u/jew fil-granet wara, gewwa l-Skwadra Marittima, Haywharf, Floriana u/jew fil-vicinanzi hliftu falz quddiem imhallef, magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

Amadeo Busuttil akkuzat wahdu talli nhar it-02 ta’ Lulju 2008 u/jew fil-granet ta’ wara fi proceduri civili jew kriminali, ikkorrompa xhud, perit jew xi interpretu, sabiex jaghti xhieda falza, jew jaghmel perizja falza jew jaghti tifsir falza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Novembru, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli 102 u 108(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta’ Novembru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza msemmija u minflok issib lill-appellat hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi l-piena skont il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellat huwa s-segwenti w cioe':-

a. Illi fit-18 ta’ Novembru 2011 l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ghamlet interpretazzjoni u enuncazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-ligi.
b. Illi f’dan il-kaz huwa fatt mhux ikkontestat li effettivament l-appellat Amadeo Busuttil meta ta x-xhieda tieghu bil-gurament quddiem l-espert tekniku John Sacco huwa biddel il-verzjoni tieghu. Din il-bidla fil-verzjoni hemm referenza ghaliha fir-rapport li hejja John Sacco.
c. Fil-fatt fis-sentenza appellata hemm is-segwenti:

*“Peress illi t-tnejn biddlu l-verzjoni originali taghhom, u kkoregew ix-xiehda moghtija minnhom aktar qabel fl-inkjesta, dawn gew akkuzati li xehdu l-falz quddiem awtorita’ gudizzjarja. Fl-atti tal-inkjesta dan kollu hu kkoroborat u indikat car. Inoltre l-istess rapport redatt*

*minn John Sacco jirreferi ghall-bdil fil-verzjoni moghtija minn Sammut u Busuttil. Irrisulta wkoll, kif gia' inghad, li Busuttil kien ta direzzjoni lil Sammut biex fix-xiehda tieghu ma jikxfux ... In difesa, Sammut ghazel li jixhed, u kkonferma li fil-fatt hu kien biddel il-verzjoni tieghu lil John Sacco. L-imputat f'din il-kawza Amadeo Busuttil ghazel li ma jixhedx."*

d. Illi ghalhekk dan ukoll jindika li effettivament l-appellat Amadeo Busuttil halef il-flaz u ikkorrompa xhud biex jaghti xhieda falza tant illi dan gie iddikjarat kjarament fis-sentenza.

e. Madanakollu u nonostante il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ippruvat sal-grad rikjest mil-Ligi (jekk mhux iktar) li effettivament l-appellat huwa hati ta' dawn ir-reati u nonostante wkoll l-Ewwel Qorti kienet konvinta ta' dan, xorta wahda l-appellat gie lliberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

f. Illi ghandu jinghad minnufih li mis-sentenza jidher li fost il-motivazzjonijiet li waslu l-Ewwel Qorti biex tillibera lill-appellat kienet li d-digriet tan-nomina tal-esperti mahtura fl-inkjesta magisterjali ma tindikat li effettivament John Sacco inghata l-fakolta li jisma x-xhieda bil-gurament. Fil-fatt a fol 34 tal-process jidher li kien hemm *lapsus calami* minn naha tal-Magistrat Inkwirenti fis-sens li indika lil John Sacco bhala espert tekniku izda imbaghad indika lil **PS 6 Duncan Demicoli bhala Scene of Crime Officer <u>sabiex jisma x-xhieda bil-gurament, liema xhieda ghandha titnizzel bil-miktub. Huwa ghandu wkoll jistabbilixxi l-fatti kollha relevanti ghal dan il-kaz.</u>**

g. Illi ma hemm l-ebda dubju li dan id-digriet tan-nomina m'hux mil-iktar felici pero' hawnhekk ghandna *lapsus calami* ghaliex kien l-Espert Tekniku John Sacco li effettivament inghata l-fakolta' li jisma lix-xhieda u jaghti guramenti. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tghid: "*Il-Qorti tifhem li jista' jkun li kien inghata n-nomina biex jisma' x-xhieda u jaghti guramenti, izda peress li dan mhux indikat sew fid-digriet tan-nomina, il-Qorti ma tistax tippresumi d-delega ta' tali awtorita'*."

h. Illi l-esponent jishaqq li tant huwa minnu li kien l-espert John Sacco li inghata l-fakolta li jisma x-xhieda bil-gurament li l-Magistrat Inkwirenti accettat ir-rapport li

ghamel u mhux hekk biss sahansitra hafna mill-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet fil-Process Verbal gejjin mir-rapport li ghamel propju l-Espert Tekniku John Sacco. Illi fil-verbal a fol 10 tal-process l-Ewwel Qorti ikkonfermat l-hatra tal-esperti mahtura fil-Process Verbal u meta John Sacco xehed vica voce huwa ikkonferma bil-gurament li "fit-2 ta' Lulju 2008 il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima, l-Magistrat Inkwirenti nnominati bhala espert sabiex ninvestiga u nisma x-xhieda dwar il-kaz tal-yacht....". John Sacco stess, jikkonferma **bil-gurament** li l-Magistrat Inkwirenti kienet hatritu biex jisma ix-xhieda.

i. Illi fl-umli fehma tal-esponent huwa evidenti li kien hemm zball genwin minn naha tal-Magistrat Inkwirenti fid-digriet tan-nomina pero' dan ma jwassalx sabiex il-prova li l-appellat halef il-falz u cioe' r-rapport tal-espert John Sacco ghandha tigi skartata. L-esponent jaghmel referenza ghall-kazijiet fejn il-Qrati Maltin accettaw in-nomina ta' esperti anke jekk fid-digriet tan-nomina kien hemm xi zball jew inezattessi bhal per ezempju fil-kawza ***Il-Pulizija vs. Pawney Keith, 19/1/06, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Ir-Repubblika ta' Malta vs. Gordi Felice, 10/10/11, Qorti Kriminali, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Robert Cilia et, 9/11/11.***

j. Illi konsiderazzjoni zbaljata ohra tal-Ewwel Qorti hi meta applikat it-teorija tar-*retraction* ghal dan il-kaz u dan ghaliex l-appellat ikkorega ruhu u n-nuqqas inizzjali gie radrizzat minnu stess.

k. Illi l-esponent jissottometti li r-*retraction* ghall-imputazzjoni odjerna u cioe' ta' gurament flaz ma tapplikax. Fil-fatt l-esponent jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Patrick Filletti u Enrico sive Filletti, 24/11/1992, Qorti tal-Appell Kriminali** fejn dik il-Qorti testwalment iddikjarat li "**Din il-Qorti bir-rispett mhix konvinta minn dan kollu. Ir-reat in ezami huwa ovvjament reat formali. Gie indubbjament kommess, bl-elementi kostituttivi tieghu kollha, appena l-imputati, wara li gie lilhom somministrat il-gurament, ghamlu dikjarazzjoni falza lill-perit tekniku. Ir-ritrattazzjoni taghhom, aktar tard, ma ddisfatx il-fatt kostitwenti r-reat li kienu kkommetew, u ma naqqset ebda wiehed mill-elementi ta' dak ir-reat. Il-ligi ma tiddisponi xejn fis-sens tan-newtralizzazzjoni tar-reat**

**f'kaz ta' ritrattazzjoni. Din il-Qorti frankament ma tara ebda differenza bejn li tghid li r-ritrattazzjoni tinnewtralizza r-reat tal-gurament falz bil-konsegwenti liberazzjoni ta' min ikun halef il-falz, u li tghid li r-restituzzjoni lil sidhom ta' l-oggetti misruqin tinnewtralizza r-reat tas-serq bil-konsegwenti liberazzjoni tal-halliel.**

l. Illi din is-sentenza titkellem wahedha u ghalhekk l-esponent jargumenta li galadarba t-teorija tar-*retraction* ma tapplika ghar-reat in kwistjoni, s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti hija bbazata fuq zball legali evidenti.

m. Illi apparti dan jidher li l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghax-xhieda moghtija mill- ko-akkuzat l-iehor Grazio Sammut u mill-Kurunell W. Camilleri. Pero' dawn il-persuni **QATT** ma xehdu fil-kawza Il-Pulizija vs. Amadeo Busuttil! Huwa veru li inizjalment kemm Amadeo Busuttil kif ukoll Grazio Sammut kienu tressqu l-Qorti akkuzati flimkien izda fil-kors tal-process sar separazzjoni tal-gudizzju u fil-process ta' Amadeo Busuttil, la Grazio Sammut u lanqas il-Kurunell W. Camilleri ma xehdu tant li a fol 75 id-difiza ivverbalizzat li m'ghandiex provi. B'kuntrast fil-kawza Il-Pulizija vs. Grazio Busuttil, l-Ispettur Trevor Micallef, Grazio Sammut u W. Camilleri kollha xehdu in difesa.

n. Illi fl-umli fehma tal-esponent dan in-nuqqas minn naha tal-Ewwel Qorti huwa wiehed serju hafna ghax ma tistax tiehu in konsiderazzjoni xhieda li ma jkunux xehdu fil-process.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellat huwa suldat mill-Forzi Armati ta' Malta fil-grad ta' "Warrant Officer 2". Fit-2 ta' Lulju, 2008 l-armata kienet qed taghmel ezercizzju militari li jsir darbtejn fis-sena fl-inhawi ta' Pembroke, fejn menbri mill-armata mit-taqsima ta' l-Iskwadra Marittima jisparaw, "live amunition" lejn targets fil-bahar il-barra mix-xatt. Waqt li jkun qed isir dan l-ezercizzju dik il-firxa tal-bahar tkun maghluqha ghal kull bastiment u kull opra ohra tal-bahar. Gara izda li dak inhar ghal xi raguni, bastiment thalla jidhol fl-area fejn kien qed isir dan l-ezercizzju bil-

konsegwenza li l-bastiment intlaqat minn balla sparata minn fuq l-art. Dan il-bastiment bl-isem “Mistress Elusive” hu propjeta ta’ Helen Muscat u d-dahhal ix-Xatt ta’ Ghajn Fekruna, San Pawl il-Bahar fejn sar rapport mill-istess Muscat u min kien riekeb maghha certu David Arney. Infethet inkjesta Magisterjali sabiex issir investigazzjoni u jigi stabbilit x’wassal ghal dan l-incident li b’xorti tajba ma halla l-ebda vittma.

Fil-kors ta’ l-inkjesta l-Magistrat Inkwirenti hatret diversi esperti biex jassistuha fil-gbir u l-priservazzjoni tal-provi, wiehed minn dawn l-esperti John Sacco gie nominat biex jisma x-xhieda u fost ix-xhieda illi sema’ kien hemm dawk ta’ l-appellat kif ukoll tal-Logotunent Amadeo Busuttil. Waqt li kienet qed tingabar din ix-xhieda l-appellat biddel il-verzjoni tieghu darbtejn u l-istess ghamel l-Logotunent Amadeo Busuttil fejn ta d-depozizzjoni tieghu tliet darbiet sakemm fl-ahhar qal illi qed jghid il-verita. Minhabba f’hekk ittiehdu proceduri kriminali kontra l-appellat Grazio Sammut kif ukoll kontra Amadeo Busuttil. B’Senenza ta’ l-10 ta’ Novembru, 2011, il-Qorti tal-Magistrati lliberat lill-appellat kif ukoll lil Amadeo Busuttil peress illi kien hemm difett fin-nomina ta’ l-espert John Sacco u wkoll il ghaliex applikat id-dutrina tar-retraction fil-kamp kriminali peress illi kemm Sammut kif ukoll Busuttil kienu bidlu l-verzjoni taghhom u qalu l-verita x’kienet. L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell principalment ghaliex deherlu illi l-Ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni u enuncjazzjoni zbaljata ta’ l-ipotesi tal-Ligi.

L-Avukat Generali argumenta illi jidher li fost il-motivazzjonijiet li wasslu l-Ewwel Qorti biex tillibera lill-appellat kienet id-digriet tan-nomini ta’ l-esperti mahtura fl-inkjesta Magisterjali, fejn ma tindikax li effettivament John Sacco nghata l-fakulta li jisma x-xhieda bil-gurament. Fid-digriet taghha a fol 34 tal-Process il-magistart qieghda tinnomina lil John Sacco bhala espert tekniku izda mbaghad tindika lil PS 6 Duncan Demicoli bhala Scene of the Crime Officer sabiex jisma x-xhieda bil-gurament liema xhieda ghandha titnizzel bil-miktub, huwa ghandu wkoll jistabilixxi l-fatti kollha relevanti ghal dan il-kaz. L-

Avukat Generali jirrikonoxxi illi dan id-digriet mhuwiex mill-aktar felici u argumenta illi dana kien biss *"lapsus calami"* minn nahha tal-Magistrat il ghaliex l-espert tekniku John Sacco effettivament inghata l-fakulta li jisma x-xhieda b'gurament.

Ikkunsidrat.

Jinghad fil-bidu nett li dina mhijiex l-ewwel darba illi din il-Qorti qed tigi nfaccata b'sitwazzjoni bhal din fejn nuqqas ta' attenzjoni minn nahha tal-Magistrat fid-digriet ta' nomina ta' espert iwassal ghal konsegwenzi serji illi jaffettwal il-process gudizzjarju kollu. Il-Magistrati jridu jifhmu kemm huwa mportanti li jkunu precizi fin-nomini taghhom u liema espert ghandu l-fakulta illi jiehu x-xhieda bil-gurament u liema m'ghandux. Peress illi l-Ligi stess tesigi illi l-espert ghandu jkollu t-tali fakulta specifikament imsemmija fin-nomina tal-hatra. Issa fil-kaz tas-Scene of the Crime Officers il-fakulta li jisimghu x-xhieda bil-gurament hija ntrinsika fin-nomina taghhom u f'dawn il-kazi l-magistarat m'ghandux ghalfejn kulldarba jnizzel illi l-esperti mahtura qeghdin ikunu wkoll moghtija l-fakulta jisimghu x-xhieda bil-gurament. F'kazijiet ohra pero' din l-awtorizazzjoni ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta mill-Atti. F'dan il-kaz sfortunatament, *"lapsus calami"* jew mhux, it-tekniku John Sacco ma giex moghti l-fakulta illi jisma x-xhieda bil-gurament. Jista jaghti l-kaz pero' kif jigri ta' spiss, illi din il-fakulta tkun giet moghtija lill-espert verbalment, dan il-Magistrat jista jaghmlu ghad illi jrid pero' jirrizulta minn xi'imkien, mqar per ezempju mill-istess depozizzjonijiet tax-xhieda illi jkunu qeghdin jiddikjaraw illi qeghdin jaghtu x-xhieda taghhom bil-gurament. A fol 102 tal-process il-Magistrat jghid illi Sacco ndika li din ix-xhieda kienet qed tittiehed bil-gurament ta' kull xhud, u quddiem din il-Qorti wkoll rega` qal hekk. Pero`, mgharraf bil-mod kif giet redatta n-nomina tieghu, l-espert irrimarka li hu qatt ma ra n-nomina u ma kienx jaf li fil-fatt ma giex moghti l-fakolta` li jaghti l-gurament. Mexa skond il-prassi u assuma li kellu tali fakolta`. Jidher li dan il-*"lapsus calami"* ma giex kommess biss mill-Magistrat Inkwirenti izda gie perpetwat tul l-itier tal-kawza mill-espert tekniku u mill-Magistrat fl-Istruttorja li kellu l-fakolta' jissana n-

nomina imma minn dan ma sar xejn biex issa wasalna fl-istadju ta' *"quod nullum est, nullum producit effectum".*

Lanqas il-Qorti ma hi daqshekk konvinta li l-espert dejjem mexa bil-mod li qal, skond il-prassi peress li rrizulta li almenu fuq zewg persuni ta' rilevanza vitali, hemm dubbju kemm verament inghataw il-gurament. Grazio Sammut (fol 89) fuq domanda tad-difiza jekk inghatax il-gurament jirrispondi *"Le ma nghatajt l-ebda gurament."* Ikkonferma wkoll illi meta xehed id-tieni darba quddiem l-istess John Sacco wkoll ma nghatax il-gurament. F'din il-kawza ghandna wkoll ix-xhieda tal-Kurunell Wallace Camilleri (fol 97), fejn ukoll fuq domanda tad-difiza jekk inghatax il-gurament minn John Sacco wiegeb, *"Jekk niftakar tajjeb, le".* Amadeo Busuttil ma xehedx f'dawn il-proceduri. Ghalhekk jekk kien hemm zball genwin minn nahha tal-Magistrat Inkwirenti fid-digriet tan-nomina, dan l-izball qatt ma gie sanat fil-mori tal-inkarigu moghti lill-espert John Sacco u l-anqas wara. Dan japplika specifikament ghall-appellat Grazio Sammut fejn minbarra c-cahda tieghu, hemm il-korroborazzjoni tal-Kurunell Wallace Camilleri. Dan ifisser quindi illi hemm dubbju kemm l-appellat Grazio Sammut seta` kiser id-dispozizzjonijiet ta' l-Artiklu 108 (1) (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fil-konfront tieghu s-Sentenza ta' l-ewwel Qorti timmerita li tkun konfermata.

Ghal dak li jirrigwardja Amadeo Busuttil s-sitwazzjoni hija simili. Permezz tal-verbal tat-12 ta' Mejju, 2011 (fol 72), fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti tal-Magistrati ordnat is-separazzjoni tal-gudizzju peress illi originaljament Amadeo Busuttil u Grazio Sammut tresqu l-Qorti flimkien fuq citazzjoni wahda. Id-difiza qablet ma dan is-separazzjoni, pero' ma hemmx ordni illi x-xhieda tinstema kontestwalment u xhieda moghtija f'kawza taghmel stat, ghal kull fini u effetti tal-Ligi, fil-kawza l-ohra. Fil-kaz kontra Amadeo Busuttil xehed l-Ispettur Trevor Micallef u Mario Cauchi, ma rrizultax illi Grazio Sammut u l-Kurunell Wallace Camilleri taw id-depozizzjoni taghhom fil-konfront tieghu, ix-xhieda taghhom qieghda biss fl-Atti tal-kawza kontra Grazio Sammut. L-unika persuna illi setghet torbot lill-appellat Amadeo Busuttil ma l-akkuza illi huwa kkorrompa xhud kien l-istess Grazio Sammut li minhabba

n-nuqqas tal-Qorti illi tordna li x-xhieda jinstemghu kontestwalment, ix-xhieda ta' Grazio Sammut ma setghetx tiddahhal fil-kawza kontra Amadeo Busuttil u ghalhekk ma hemm l-ebda prova dwar it-tieni akkuza addebitata lil Amadeo Busuttil. Dan apparti l-ostakolu li Sammut jista` jitqies bhala komplici fejn allura fl-ahjar ipotesi, x-xhieda tieghu kellha titiehded "b'kawtela" (Art. 639(3) Kap. 9).

Ghalhekk l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragunevolment tasal ghall-konkluzjoi illi waslet ghaliha u mhux il-kaz illi din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------